**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA**

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

**23 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Yana Borg Debono Grech
Desirei Grech
Maurizio Gauci
Kaylocke Buhagiar
Alfred Attard
Jade England
Rosette Cassar
Luke Vella
Antoine Attard
Stefano Sicari
Karl Cutajar
Marie Claire Zammit Bonello
Gilmour Borg

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera kollha eletti: Yana Borg Debono Grec, Desirei Grech, Maurizio Gauci, Kaylocke Buhagiar, Alfred Attard, Jade England, Rosette Cassar, Luke Vella, Antoine Attard, Stefano Sicari, Karl Cutajar, Marie Claire Zammit Bonello u Gilmour Borg. Preżenti wkoll kien hemm is-Sa. Mandy Farrugia, is-Segretarju tal-Eżekuttiv.

**2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

2.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku Desirei Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

2.1.2 Is- Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċeviet l-ebda ittra ta' apoloġija.

**2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

2.2.1 Il-minuti ta' laqgħa numru 1 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

2.2.2. Il-Kunsillier Karl Cuatajr ikkummenta li la l-minuti waslu għand il-kunsilliera fl-aħħar erbgħa u għoxrin siegħa, huwa jħoss li ma jistax japprova l-skeda tal pagamenti. Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia tispjegalu li l-liġi tgħidlek li l-minuti flimkien ma l-skeda tal pagamenti jistgħu ma jintbagħtux qabel il-laqgħa u jiġu mqassma fil-bidu tal-laqgħa nnifisha.

2.2.3 Il-Kunsilliera Rosette Cassar għaddiet suġġeriment li l-skeda tal pagamenti għandhom jintbagħtu flimkien mal-aġenda. Is-Segreatrju tal-Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia tispjegalha li s-soltu hekk isir u din id-darba ġara hekk minħabba li fl-aħħar laqgħa kienet maqsuma fi tnejn.

2.2.4 Fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Antoine Attard issekondat mill-Kunsillier is-Sur Luke Vella, il-minuti tal-laqgħa numru 77 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**2.3 Matters Arising**

2.3.1 Is-Sindku Desirei Grech tistaqi l-membri tal-Kunsill jekk għandhomx xi ħaġa x'jistaqsu, iżda l-ebda Kunsillier ma kellu xi domanda x'jistaqsi.

**2.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

2.4.1 Is-Sindku Desirei Grech spejgat li fl-aħħar jiem hija ġiet ippreżentata ittra mill-Għaqdiet tal-festa Santa Elena u ġiet iffirmata wkoll mil ghaqdiet tal festa sabiex il-Ħadd 18 t'Awissu, dakinhar tal-festa ikun hemm ambulanza bejn it-8:00am u t-3:00pm. Hija staqsiet wieħed wieħed jaqblux. Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar jaqbel imma jaħseb li m'għandhiex tkun waqt il-purċissjoni biss. Jekk mhux ambulanza, almenu paramedic ġimgħa sħiħa skont il-programm tal-festa. Il-Kunsilliera kollha jaqblu unanimament.

2.4.2 Is-Sindku Desirei Grech spejgat li rċeviet ittra mingħand l-għaqda tal-armar minħabba li Main Street mhix fi stat tajjeb u qed jibzaw li jweġġgħu r-reffiegħa. Is-Sindku pproponiet li jekk ghad hemm żmien, il-partijiet li jistgħu jiġu rranġati, dawn isiru temporanjament. Il-Kunsilliera jaqblu li dan għandu jsir. Il-Kunsillier Yana Borg Debono Grech titlob li għandu jinħareġ rendikont tal-ispejjeż li jkunu saru. Jiġi ċċarat li mhux ħa jsiru patches kbar, fejn jinqala' l-madum, jintefa' r-ramel u jerġa' jitpoġġa l-madum. Is-Sindku tispjega li jekk dawn jistgħu isiru fil-ħin biss ser isiru.

2.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia tkellmet fuq l-iskema _SPI/SCI/9/2022: Finanzjament ta' Proġett iKapitali - Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Dan hu proġett li kellu issir Gnien ġdid u upgrate tal- underpass, izda peress li ma kienx hemm bizzejjed fondi il-Kunsill bidel il- hsieb u issa qed jiġi proponut li titranġa underpass._ Hija tispjega x'ser issir: Irranġar fl-underpass - tibdiel ta' ħajt li kien perikoluz, ir-railings perikolużi (mhux ir-railings kollha ghax mhemmx biżżejjed finanzi f'din l-iskema), tibidiel tad-dwal u l-madum.Kien hemm żball fil-wording fil-minuti u hemm bżonn li jkun hemm qbil unanimu. Il-Kunsilliera kollha jaqblu ma' din l-iskema b'mod unanimu

**2.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

2.5.1 Is-Sindku Desirei Grech tistaqsi l-Kunsilliera għandhomx xi domandi. L-ebda Kunsillier ma kellu domandi x'jistaqsi.

**2.6 Id-dekasteri** 2.6.1 Is-Sindku Desirei Grech tgħaddi erb'a kelmiet qabel ma tgħaddi r-responsabbiltajiet fejn temmen fil-Kunsilliera tagħha u temmen li lkoll jistgħu jiġbdu ħabel wieħed. Qassmet id-dekasteri skont l-interessi tal-Kunsilliera u tħeġġiġhom biex jaħdmu għall-Birkirkara. Wara, is-Sindku qasmet dawn id-dekasteri lill-dawn il-Kunsilliera:

**Yana Borg Debono Grech** responsabbli mid-Dekasteri:

- Infrastruttura
- Koordinatur mal-Gvern Ċentrali
- Żamma tal-Housing Estate
- Problemi ta' Housing
- Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Finanzi u tat-Tenders
- Bord tal-Intervisti.

**Maurizio Gauci** responsabbli mid-Dekasteri:

- Kultura
- Festi
- Restawr strutturali fuq binjiet storiċi, niċeċ u kappelli.
- Volontarjat
- Pjazez

- Trasport Pubbliku
- Immaniġjar tat-traffiku
- Manutenzjoni tat-Toroq
- Dwal tat-Toroq
- Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Finanzi u tat-Tenders
- Bord tal-Intervisti

**Kaylocke Buhagiar** responsabbli mid-Dekasteri:
- Integrazzjoni Soċjali
- Turiżmu
- Strateġija u żvilupp tal-lokalita' tagħna bħala destinazzjoni turistika
- Ġemellaġġi u relazzjonijiet Internazzjonili
- Carrying Capacity Study tal-lokalita'

**Alfred Attard** responsabbli mid-Dekasteri:
- Sports u Attivitajiet Fiżiċi

**Jade England** responsabbli mid-Dekasteri:
- Żgħażagħ u tfalFondi Ewropej u Lokali
- Youth Empowerment Centre
- Facebook u Midja Soċjali (Viċi)
- Kunsill Lokali Żgħażagħ
- Komunitajiet Swatar

**Rosette Cassar** responsabbli mid-Dekasteri:
- Komunitajiet
- Saħħa
- Ċentru tas-Saħħa

**Luke Vella** responsabbli mid-Dekasteri:
- Edukazzjoni
- Proġetti (Viċi)
- Sigurta'
- Infurzar (Pulizija/LESA/Transport Malta)
- Pulizija tal-Komunita'
- Librerija Pubblika
- Eko Skola
- Proġetti STEM
- Rappreżentazzjoni fir-Reġjun tal-Lvant (Sostitut)

**Antoine Attard** respinsabbli mid-Dekasteri:
- Ambjent
- Patrimonju Karkariż
- Wirt Storiku

- Awtorita' tal-Ippjanar
- Komunitajiet Fleur-De-Lys

**Stefano Sicari** responsabbli mid-Dekasteri:
- Anzjani
- Villaġġ tal-Milied
- Karnival

**Karl Cutajar** responsabbli mid-Dekasteri:
- Innovazzjoni
- Enerġija Rinovabbli
- Kwalita' tal-Arja
- Żona ta' Paris

**Marie Claire Zammit Bonello** responsabbli mid-Dekasteri:
- Qasam Soċjali
- Skemi Lokali
- Komunitajiet Kummerċjali
- Permessi Loading/Unloading Bays/Disabled Bays u Spazji Riservati
- Ħarġiet Kultutrali
- Familji u Nisa fis-soċjeta'
- Day Care Centre
- Organizzazzjoni Jum Birkirkara u Ġieħ Birkirkara

**Gilmour Borg** responsabbli mid-Dekasteri
- Ħarsien tal-Annimali
- Delizzji
- Studju dwar ħolqien ta' spazji ġodda
- Persuni bi bżonnijiet speċjali u vulnerabbli

**Desirei Grech** responsabbli mid-Dekasteri:
- Proġetti
- Infrastruttura (Viċi)
- Finanzi
- *Public Private Partnerships*
- Paġna ta' Facebook u Midja Soċjali
- Indafa
- Skart Goff
- Ġbir ta' skart
- Ġonna pubbliċi u playgrounds
- Għaqdiet
- Attivitajiet
- Fuljett tal-Kunsill
- Permessi inkluż dawk tal-festa

- Rappreżentanza fir-Reġjun tal-Lvant
- Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Finanzi u tat-Tenders
- Kord tal-Intervisti

2.6.2 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar jistaqsi jekk jistgħux joħolqu kumitati u s-Sindku tapprova li min jixtieq jagħmel dan jagħmlu.

2.6.3 Il-Kunsillier Karl Cutajar jistaqsi fuq l-allokazzjoni tal-Baġit u s-Sindku tispjegalu li l-ewwel għandhom jitkellmu mas-Sindku u jimxu. Hija tħeġġiġhom li jaħdmu flimkien fil-kumitati ta' xulxin

2.6.4 Antoine isemmi jekk kienet ngħatatx iċ-ċavetta tal- Mithna tal-Imriehel. Is-Segretarju tal-Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia tispjega li ic- cavetta ghadha mhux qeghda il- Kunsill.

2.6.7 Il-Kunsillier Antoine Attard jissuġġerixxi proposta rigward l-Awtorita tal-Ippjanar - huwa jissuġġerixxi li l-perit tal-Kunsill jara kull proposta ta' żvilup u jiddeterminaha.

**2.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 2/9**

2.7.1 Is-Segretarju tal-Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia tispjega li dawn il-pagamenti huma ta' qabel ma kienu eletti huma - dan minħabba li bejn din il-laqgħa u ta' qabel għadda xi żmien b'hekk ħa jkun hemm affarijiet li huma ma jafux bihom. Hija tħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jistaquha ħalli tispjegalhom x'inhuma.

2.7.2 Il-Kunsillier Karl Cutajar jerġa' jqajjem il-punt li l-iskeda tal-pagamenti tqassmet tard wisq għalihom biex iduruha. Is-Segretarju tal-Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia terġa tispjegalu li l-liġi tgħidlek li l-Aġenda għandha titqassam qabel u mhux il-minuti u l-iskeda tal-pagamenti. Kollha jaqblu li mil-laqgħat li jmiss kollox ser jintbagħat minn qabel. Il-Pagamenti [illegible] li huma. Obligatorji għandhom jiġu approvati.

2.7.3 Il-Kunsilliera Rosette Cassar tixtieq illi tara l-approvals u tixtieq li tarahom u tixtieq overview tat-tenders li ġew approvati. Hija tixtieq lista ta' approved tenders biex ikunu jafu fuqhom. Is-Sa. Cassar tixtiex li jkollha konferma ta' kollox qabel ma tapprova. Is-Segretarju tal-Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia offrietilha biex tmur l-uffiċju biex turiha kollox. Hija wkoll toffri li jistgħu jibgħatulha email b'liema items għandhom mistoqsijiet fuqhom u hija turihom kollox. Il-Kunsilliera jissuġġerixxu li għandu jkun hemm iktar dettall miktub fuq l-iskeda tal-pagamenti. Il-way forward hija li din għandha tintbagħat mal-aġenda u jkun hemm iktar dettal.

2.7.4 Il-Kunsillier Karl Cutajar kien skużat biex jitlaq mil-laqgħa.

2.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-iskeda tal-pagamenti 2/9. Dawn ġew approvati b'mod unanimu fuq mozzjoni mill-Kunsilliera Maurizio Gauci u ssekondata mill-Kunsilliera Is-Sa. Jade England.

2.7.6 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar jistaqsi fuq iż-żewġ emails li ntbagħtu. L-email rigward il-ħamiem kienet sorted, kemm mal-owner tad-dar u tal-ħamiem. Il-bankina ta kulħadd. Il-bieb tad-

dar ħa jkun vojt. L-email l-oħra kienet fuq il-culverts. Is-Sa. Mandy Farrugia tispjega li din ilha li ġiet imwieġba imma l-persuna mhux qed jaċċetta r-risposta li qed jagħtih il-Kunsill. Il-Kunsilliera jixtiequ li jkunu jafu fuqha. Jiddiskutu l-mod ta' kif għandhom jiġu followed-up l-issues tar-residenti fejn il-ħaddiema għandhom jiħedu l-ilmenti, id-domandi, il-problemi mir-residenti u jgħadduhom lil min għandhom bżonn u mhux ma jgħinux lin-nies.

2.7.7 Il-Kunsilliera jikkummentaw fuq iż-żieda tal-BCRS Machines u l-ġbir ta' skart. Jaqblu li dawn huma issues li għandhom jaħdmu fuqhom.

**2.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

2.8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.30pm u ġiet aġġornata għal 20 ta' Awissu.

Konfermati, illum 23 ta' Lulju 2024.

IFFIRMATI
Desirei Grech
Sindku

Mandy Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Maurizio .

Luke .